

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Proprjetà Fiż-żwieġ U Fis-sħubijiet Ċivili](#) > [Reġimi Tal-Proprjetà Matrimonjali](#) > [Italy](#)

## Reġimi tal-Proprjetà Matrimonjali



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

### 1 Hemm reġim tal-proprjetà matrimonjali statutorju f'dan l-Istat Membru? X'jipprovdi?

Ir-reġim tal-beni matrimonjali fl-Italja huwa l-komunità legali tal-beni, kif previst fl-Artikoli 177 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili.

Il-komunità legali tal-beni tipprovdi għal xiri konġunt li jsir mill-konjuġi flimkien jew separatament matul iż-żwieġ, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati ma' beni personali.

Dawn li ġejjin huma beni personali tal-konjuġi:

- (1) dawk li diġà kienu jappartjenu lill-konjuġi qabel iż-żwieġ;
- (2) dawk mogħtija jew li intirtu wara ż-żwieġ;
- (3) dawk ta' użu strettament personali minn kull konjuġi;
- (4) dawk użati biex tiġi eżerċitata l-professjoni tal-konjuġi;
- (5) dawk miksuba bħala kumpens għad-danni u l-benefiċċji relatat mat-telf parzjali jew totali tal-kapaċità għax-xogħol;
- (6) il-beni miksuba bil-prezz tat-trasferiment tal-beni personali jew l-iskambju tagħhom, sakemm dan ikun iddikjarat b' mod espliċitu fil-mument tal-kisba.

L-attivitajiet li ġejjin huma wkoll parti mill-komunità:

- (1) il-benefiċċji proprji ta' kull wieħed mill-konjuġi, riċevuti u mhux ikkunsmati fil-ħin tax-xoljiment tal-komunità;
- (2) l-introjtu mill-attività separata ta' kull wieħed mill-konjuġi jekk ma jiġix ikkunsmat max-xoljiment tal-komunità;
- (3) l-intrapriżi ġestiti miż-żewġ konjuġi u stabbiliti wara ż-żwieġ

L-amministrazzjoni tal-beni tal-komunità u r-rappreżentanza quddiem il-qrati għal atti li jaffettwawha huma r-responsabbiltà unika taż-żewġ konjuġi, filwaqt li huma responsabbli b' mod konġunt għal atti ta' amministrazzjoni straordinarja.

Id-diviżjoni tal-assi tal-komunità legali għandha ssir billi jiġu diviżi l-assi u l-passivi f'ishma ndaqs.

## 2 Il-miżżewġin, kif jistgħu jirregolaw ir-reġim tal-proprjetà matrimonjali tagħhom? X'inhuma r-rekwiżiti formali f'dan il-każ?

Il-konjuġi jistgħu jikkonkludu ftehim differenti, li għandu jieħu l-forma ta' att pubbliku, u fin-nuqqas ta' dan ikun null.

Jekk tintgħażel is-sistema tas-separazzjoni tal-beni, l-għażla tista' tiġi ddikjarata wkoll fl-att ta' ċelebrazzjoni taż-żwieġ.

Bi ftehim bejn il-konjuġi, jista' jinħoloq fond patrimonjali bl-allokkazzjoni ta' ċerti beni immobbli jew mobbli rreġistrati f'reġistri pubbliċi, jew titoli ta' dejn, biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-familja (l-Artikolu 167 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-fond jista' ikun ikkostitwit miż-żewġ konjuġi jew bir-rieda ta' wieħed minnhom biss, permezz ta' att pubbliku. Il-fond jista' jkun kostitwit ukoll bir-rieda ta' parti terza, minn att pubbliku jew permezz ta' testament.

Fir-rigward tas-sjieda u l-amministrazzjoni tal-proprjetà, japplikaw ir-regoli dwar il-komunità legali tal-beni (Artikolu 168 tal-Kodiċi Ċivili).

## 3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' kif jiġi rregolat reġim tal-proprjetà matrimonjali?

Il-konjuġi ġeneralment ma jistgħux jiftehmu li r-relazzjonijiet patrimonjali tagħhom jiġu rregolati kompletament jew parzjalment minn liġijiet li għalihom dawn mhumiex soġġetti jew skont l-użu, iżda għandhom jistabbilixxu f'termini konkreti l-kontenut tal-ftehimiet li permezz tagħhom beħsiebhom isolvu r-relazzjonijiet tagħhom (l-Artikolu 161 tal-Kodiċi Ċivili).

Huwa null kwalunkwe ftehim li, b'xi mod, ifittex li jikkostitwixxi proprjetà abbażi tad-dota (l-Artikolu 166a tal-Kodiċi Ċivili).

Jekk il-konjuġi jemendaw ir-reġim tal-komunità tal-beni bi ftehim, il-proprjetà li ġejja ma tistax tiġi inkluża fil-komunità tal-beni:

- (1) beni ta' użu strettament personali;
- (2) beni użati biex tiġi eżerċitata l-professjoni tal-konjuġi;
- (3) beni miksuba permezz ta' kumpens tad-danni;
- (4) benefiċċju għal telf parzjali jew totali tal-kapaċità għax-xogħol

Barra minn hekk, ma tistax issir derogazzjoni mir-regoli legali komunitarji dwar l-amministrazzjoni tal-beni u l-ugwaljanza tal-kwoti.

## 4 X'inhuma l-effetti legali ta' divorzju, separazzjoni jew annullament fuq il-proprjetà matrimonjali?

Id-divorzju, is-separazzjoni jew l-annullament taż-żwieġ iwasslu għax-xoljiment tal-komunità legali.

## 5 X'inhuma l-effetti tal-mewt ta' wieħed mill-miżżewġin fuq ir-reġim tal-proprjetà matrimonjali?

Il-mewt twassal għax-xoljiment tal-komunità tal-beni.

## 6 Liema awtorità għandha l-kompetenza li tiddeċiedi f'każ marbut mar-reġim tal-proprjetà matrimonjali?

L-awtorità ġudizzjarja għandha ġurisdizzjoni skont ir-regoli ġenerali.

## 7 X'inhuma l-effetti tar-reġim tal-proprjetà matrimonjali fuq ir-relazzjonijiet legali bejn konjuġi u parti terza?

Il-proprjetà tal-beni legali mhijiex responsabbli għall-obbligi li jkun daħal għalihom wieħed mill-konjuġi qabel iż-żwieġ, u lanqas għall-obbligi marbuta ma' rigali u suċċessjonijiet miksuba mill-konjuġi matul iż-żwieġ u mhux attribwiti lill-komunità (l-Artikoli 187 u 188 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-beni tal-komunità legali jagħmlu tajjeb għall-obbligi li wieħed mill-konjuġi jkun daħal għalihom wara ż-żwieġ għat-twettiq ta' atti li jmorru lil hinn mill-andament normali tan-negozju mingħajr il-kunsens meħtieġ tal-ieħor meta l-kredituri ma jkunux jistgħu jissodisfaw ruħhom mill-proprjetà personali (l-Artikolu 189 tal-Kodiċi Ċivili).

Meta l-beni tal-komunità ma jkunux biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għad-dejn, il-kredituri jistgħu jaġixxu b'mod sussidjarju fir-rigward tal-beni personali ta' kull wieħed mill-konjuġi, sa nofs l-ammont tas-self (l-Artikolu 190 tal-Kodiċi Ċivili).

## 8 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura għad-diviżjoni, inklużi l-partizzjoni, id-distribuzzjoni u l-likwidazzjoni, tal-proprjetà matrimonjali f'dan l-Istat Membru.

Id-diviżjoni tal-beni tal-komunità legali għandha ssir billi jiġu diviżi l-assi u l-passivi f'ishma ndaqs. Fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-minuri u l-kustodja tagħhom, il-qorti responsabbli mid-diviżjoni tista' tikkostitwixxi affavur ta' wieħed mill-konjuġi l-użufrutt fuq parti mill-beni tal-konjuġi l-ieħor (l-Artikolu 194 tal-Kodiċi Ċivili).

Fid-diviżjoni, il-konjuġi huma intitolati li jbigħu l-beni mobbli li kienu jappartjenu lil kull wieħed minnhom qabel il-komunità jew li saru parti mill-komunità matul il-perjodu li fih kienu għadhom fil-komunità permezz ta' wirt jew donazzjoni.

Jekk il-beni mobbli li għandhom jinbiegħu ma tinsabx, il-konjuġi jistgħu jitolbu somma li tikkorrispondi għall-valur tagħhom, inkluża l-ipprezzar tal-istimar tagħhom, sakemm in-nuqqas ta' tali beni ma jkunx dovut għall-konsum għall-użu jew għat-telf jew għal kwalunkwe raġuni oħra mhux attribwibbli lill-konjuġi l-ieħor (l-Artikolu 196 tal-Kodiċi Ċivili).

## 9 X'inhuma l-proċedura u d-dokumenti jew l-informazzjoni tipikament meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

Il-kuntratti li jittrasferixxu beni immobbli u, b'mod aktar ġenerali, l-atti kollha li jikkostitwixxu, jittrasferixxu jew jimmodifikaw drittijiet *in rem* fi proprjetà immobbli għandhom jiġu rreġistrati fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli u din ir-regola mhijiex derogata għall-akkwist ta' beni immobbli li jiffurmaw parti mill-komunità legali.

Min jitlob it-traskrizzjoni, irid jissottometti lir-reġistratur tal-beni immobbli, flimkien ma' kopja tat-titolu, nota duplikata li għandha tindika wkoll ir-reġim patrimonjali tal-partijiet, jekk miżżewġin, skont id-dikjarazzjoni magħmula minnhom fid-dokument jew iċ-ċertifikat tar-reġistratur li daħħal ir-reġim tal-proprjetà fil-marġni tad-dokument taż-żwieġ.

Anke l-ftehimiet l-oħra ta' żwieġ li permezz tagħhom, pereżempju, xi beni immobbli ta' konjuġi wieħed ikuni soġġetti għal reġim ta' beni jew fond ta' proprjetà relatat ma' beni immobbli, huma soġġetti għar-reġistrazzjoni fir-Reġistri ta' Beni Immobbli.

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.